# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 344/2015**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**

**Vs**

**MARK ATTARD**
(I.D. 410280M)

**Illum, 9 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MARK ATTARD** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 410280M tressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Dicembru 2013, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn ewro, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu (€, 2329.37) ghad-daanu ta' St. Catherine 's Bakery & Confectionery u ta' Sandro Vella, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija jew kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu neccessarju;

B' hekk Mark Attard sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni tabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju 2017 permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi aggudikat minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[1];

[1] 4 ta' April 2019, a fol.501.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mill-5 ta' Ottubru 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, hlief ghax-xhieda tal-imputat li rega' xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta fl-24 ta' Jannar 2019;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-prova konsistenti fl-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Mark Attard fis-26 ta' Ottubru 2015[2]. Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehdet minghand l-imputat minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-istess istqarrija. Il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet

[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 26 *et seq.* tal-atti – Dok. IJA4.

tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[3] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[4], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[5], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[6], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this*

[3] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[4] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[5] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.
[6] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi fis-sena 2015, meta ttiehed l-istqarrija tal-imputat, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[7]

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi, anke fil-kaz odjern fejn l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti, irrispettivament mill-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-

[7] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna. Kif intqal ukoll recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Christopher Bartolo vs L-Avukat Generali et**[8]:-

*"F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' nuqqas jew minn xi irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq u ghat-thassir tal-process kollu, ma ghandhiex taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

**<u>Ir-Reat tal-Approprjazzjoni Indebita</u>**.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija kkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi l-azzjoni kriminali ghar-reat minnu ipotetizzat, jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, l-Artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkonsenjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Skont il-gurisprudenza kostanti, huwa generalment ritenut illi l-elementi essenzjali li jsawru r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin[9]:-

[8] Deciza 5 ta' Ottubru 2018.

"*Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;… (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.*"

Minn analizi legali ta' dawn l-elementi kostittutivi tar-reat tal-misapproprazzjoni, jirrizulta illi dan ir-reat huwa fondat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent tar-reat. Dan l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat, f'uzu differenti minn dak pattwit, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bil-ghan li jaghmel profitt ghalih innifsu minn dan l-uzu. Huwa ritenut illi dan l-agir minn da parti tal-agent ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta` tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu bi profitt ghalih.

Illi ghalhekk l-awtur ta' dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor, li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju, u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor[10].

Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:-

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti*

[9] Ara **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**.**

[10] Ara fir-rigward: **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – deciza fil-15 ta' Frar 2007.

*dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*".[11]

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**, fuq citata, saret distinzjoni bejn ir-reat ta' serq, ta' frodi u dik tal-approprijazzjoni indebita:-

*"Dan ir-reat [ta' approprijazzjoni indebita] jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq, ghax l-oggett li jkun, jigi moghti mill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta` jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."*

**Provi**

Il-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-atti processwali, huma pjuttost semplici: l-imputat kien impjegat ma' Sandro Vella, il-kwerelant, bhala *salesman* biex jiehu l-ordnijiet ghall-bejgh tal-prodotti tan-negozju gestit mill-istess Sandro Vella, bl-isem St. Catherine's Bakery, u fost il-mansjonijiet tieghu f'din il-kariga huwa kien jigbor il-hlasijiet ghall-prodotti mibjugha lill-klijenti ta' dan in-negozju. Skont kif jirrizulta mill-okkorrenza esebita in atti, il-kwerelant irrapporta lill-Pulizija illi l-imputat gabar fost pagamenti ohrajn, numru ta' *cheques* minghand Gormina Bakery bhala hlas ghall-prodotti mibjughin, u allega illi ghalkemm dawn ic-*cheques* gew imsarrfin mill-imputat, l-import taghhom baqa' qatt ma wasal ghandu. Gie rrapportat ukoll li kien hemm flus li ngabar mill-imputat minghand il-hwienet Tanti Palmier u Calleja Sweetshop liema flus l-imputat baqa' ma ghaddilux[12].

[11]**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276 - citat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Camilleri**, deciza fil-25 ta' Gunju 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[12] Vide okkorrenza Dok. GS1 esebita a fol. 55 *et seq*.

Quddiem il-Qorti, **Sandro Vella** xehed[13] illi huwa *self-employed* u kkonferma li l-imputat kien jahdem mieghu ghal ftit xhur sakemm l-impieg tieghu gie terminat f'Dicembru 2013. Huwa spjega illi meta f'dan il-perijodu kien jinnota li l-Gormina Bakery kien qed idum biex ihallas il-kontijiet, l-imputat kien jghidlu li l-klijent ghaddej minn sitwazzjoni hazina u biex jissapportih. Ix-xhud kompla jghid izda, illi meta l-imputat gie biex jitlaq mill-impieg mieghu, kien gharrfu li l-Gormina Bakery kien hallas il-kontijiet kollha u ma kellux iktar x'jaghti. Vella xehed ukoll illi filwaqt li kien l-imputat innifsu li qallu illi kien hemm xi *cheques* li kien gabarhom minghand certu hwienet, liema *cheques* kienu thallsu lilu direttament f'ismu, l-imputat mhux suppost li ghamel ic-*cheques* pagabbli f'ismu u huwa qatt ma awtorizzah li jaghmel hekk[14].

**Mark Attard**, l-imputat, li xehed darbtejn quddiem il-Qorti[15] biex jaghti l-verzjoni tieghu, ma jikkontestax illi kien hu li mela ismu fuq ic-*cheques* li gabar minghand Gormina Bakery u li huwa kien ukoll sarraf dawn ic-*cheques*, izda qal li dan ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Sandro Vella u jikkontendi illi l-flus huwa kien ghaddih kollu lil Sandro Vella in kontanti. L-imputat jghid illi Sandro Vella qatt ma tah ricevuta li dan il-flus huwa kien ghaddihomlu u ghalhekk ma ghandux x'juri li l-imghallem tieghu kien effettivament ircieva dan il-flus minghandu.

L-imputat xehed hekk:-

"*Dawn ic-cekkijiet, jiena nikkonferma li jiena sarrafthom, sarrafthom bil-permess tieghu, ghax kien ghidli, ghamilli pjacir, sarrafhomli u gibhomli cash. ... Il-kitba tal-isem, dawk huma tieghi, pero` wiehed minnhom le ... ta' Rudolph Cassar.*"

[13] Fit-3 ta' Dicembru 2015 u 12 ta' April 2018.
[14] Xhieda ta' Sandro Vella, 3 ta' Dicembru 2015.
[15] Fis-17 ta' Mejju 2018 u 24 ta' Jannar 2019.

L-imputat ikkonferma illi ghalkemm kien sarraf f'ismu ic-*cheques* esebiti fl-atti li kienu nhargu minn Gormina Bakery, huwa dejjem ghadda l-flus lil Sandro Vella mill-ewwel.

**Louise Attard**, is-siehba tal-imputat, xehdet[16] illi hija sarrfet wiehed mic-*cheques* esebiti fl-atti, u dan fuq talba tal-imputat li kien qalilha li kien impenjat bix-xoghol u kellu bzonn isarraf il-flus biex jghaddih lill-imghallem tieghu. Qalet ukoll illi hija qatt ma kellmet lil Sandro Vella izda kellmet biss lil martu u lil oht il-mara tieghu, u xehdet dwar zewg okkazzjonijiet meta marret il-hanut ta' Sandro Vella. Ix-xhud fissret illi darba kienet mal-imputat meta mar il-hanut ta' Sandro Vella biex jghaddilu l-flus kontanti li gabar minghand xi hwienet, u qalet li l-imputat ma nghatax ricevuti ghall-flus li ghadda lil Vella. Xehdet ukoll dwar okkazjoni ohra meta kienet mal-imputat u kienet mieghu meta mar jigbor il-flus minghand debitur ta' Sandro Vella.

**David Galea**, li jiggestixxi n-negozju bl-isem Gormina, ikkonferma fix-xhieda tieghu[17] illi huwa kien jixtri prodotti minghand St Catherine's Bakery u kien hemm zmien meta l-imputat Mark Attard kien jigi jigbor il-pagament fuq l-*invoices* dovuti. Ix-xhud fisser illi huwa kien jghaddi lill-imputat *cheques* biex ihallas dawn l-*invoices* u kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat kien jghidlu biex ihalli c-*cheques* vojta biex l-imghallem tieghu jkun jista' jhallas bihom. Skont ix-xhud, hu ma kellux diffikolta` li jaghmel hekk basta li l-imputat jiffirmalu li l-*invoice* ikun gie imhallas.

L-istess David Galea xehed ukoll illi darba minnhom Sandro Vella kien cempillu biex jghidlu li kellu kontijiet pendenti, izda huwa kkonferma illi kien hallas kollox. Ix-xhud gharaf ic-*cheques* esebiti fl-atti bhala *cheques* illi huwa hareg mill-kont tieghu biex ihallas l-*invoices* ta' St. Catherine's Bakery u li kien

---

[16] Xhieda tat-22 ta' Gunju 2016.
[17] Xhieda tat-12 ta' Mejju 2016 u tal-4 ta' Mejju 2017.

hallihom vojta ghaliex l-imputat kien jghidlu li l-imghallem tieghu jkun irid ihallas bihom lil terzi.

**Konsiderazzjonijiet Dwar il-Provi**

Ic-*cheques* ta' Gormina Bakery li jirrizulta li ssarrfu mill-imputat jew mis-siehba tieghu Louise Attard, u li dwarhom hemm qbil illi kienu dovuti lil Sandro Vella ta' St. Catherine's Bakery, jinsabu esebiti komplessivament bhala Dok. JB1a fol. 49 sa 51 tal-atti.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi ghalkemm David Galea meta rega' xehed quddiemha[18], iddikjara illi ma setax jirrintraccja l-*invoices* imhallsin bic-*cheques* esebiti in atti, liema *invoices* huwa qal li gew iffirmati mill-imputat bhala imhallsin, huwa evidenti illi **l-imputat mhux qed jikkontesta illi dawn l-*invoices* thallsu bic-*cheques* esebiti in atti u illi huwa kien effettivament gabar dawn l-istess *cheques* u sarrafhom f'kontanti**. Il-Qorti ghalhekk ma tqisx illi n-nuqqas li jigu esebiti fl-atti l-*invoices* relattivi, huwa ta' xi konsegwenza ghaliex tifhem li gie sodisfacjentement ippruvat u anke ammess mill-imputat, illi c-*cheques* in kwistjoni inhargu biex jithallsu ammonti dovuti lil St Catherine's Bakery u gew imsarrfin minnu.

Fir-rigward tac-*cheque* fis-somma ta' €400.84 intestat lil Louise Attard[19] u mahrug mill-kont ta' David Galea u Nada Victoria Henric Galea, l-istess Louise Attard ikkonfermat fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti illi hija kienet sarrfet dan ic-*cheque*, **u ghaddiet il-flus lill-imputat**.

Izda fir-rigward tac-*cheque* mahrug f'isem Rudolph Cassar, il-Qorti ma tqisx illi gie ppruvat illi l-flus imhallsin bic-*cheque* datat 27 ta' Mejju 2013 fl-ammont ta'

[18] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2017.
[19] Ic-cheque ta' fuq nett a fol. 50.

€228.22[20], liema *cheque* jidher li gie eventwalment imsarraf fit-3 ta' Gunju 2013 fil-bank HSBC, gew fil-pussess tal-imputat. Dan ghaliex huwa evidenti illi c-*cheque* in kwistjoni, ghalkemm mahrug minn David Galea biex ihallas *invoice* dovut lil St. Catherine's Bakery, ghal xi raguni jew ohra gie intestat lil Rudolph Cassar li, fix-xhieda tieghu gharaf il-kitba ta' ismu fuq ic-*cheque* bhala maghmula minnu stess[21].

Mizmum ferm il-premess, u indipendentement minn kull konsiderazzjoni dwar il-htija o meno tal-imputat ghar-reat lilu addebitat, il-Qorti tqis li ma tista' qatt tinsab htija fl-imputat ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita fir-rigward l-import ta' dan ic-*cheque* partikolari intestat lil Rudolph Cassar.

Ghaldaqstant, l-ammont li l-imputat jista' ragjonevolment jigi mixli li approprja b'mod indebitu a dannu ta' Sandro Vella kwantu ghall-import ta' tmien *cheques* ilkoll mahrugin minn kont bankarju intestati lil David Galea u Nada Victoria Henric Galea, huwa ta' **€3,399.07**.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kawza deciza fl-14 ta' Frar 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci**, il-Qorti stqarret hekk fir-rigward tal-uzu li ghandu jigi ppruvat fl-agent biex tinsab reita` ghar-reat in dizamina:-

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita*

[20] A fol. 49.
[21] Dan kollu skont kif jirrizulta mill-prospett Dok. JB2 a fol. 52.

*jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.*

Issa f'dan il-kaz m'huwiex kontestat u hemm qbil espress illi l-flejjes reklamati mill-kwerelant kellhom jingabru mill-imputat minghand il-hwienet ossia klijenti ta' St. Catherine's Bakery, in linea ta' hlas tal-*invoices* dovuti lill-istess kwerelant. **Il-kontestazzjoni unika tad-difiza hija dwar l-uzu li ghamel l-imputat b'dan il-flus: filwaqt li l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni hija illi l-flus li ngabru mill-imputat baqghu ghandu minflok ma ghaddew lill-kwerelant, l-imputat jishaq illi huwa kien ghaddihom lill-kwerelant izda ma nghatax ricevuta ta' dan il-hlas**.

**Ghaldaqstant, il-kwistjoni ghandha tigi determinata billi jigi stabbilit liema mill-verzjonijiet, jekk hijiex dik tal-Prosekuzzjoni jew dik tal-imputat, dwar id-destinazzjoni effettiva tal-flus imhallsa mill-klienti ta' St. Catherine's Bakery lill-imputat, hija l-iktar wahda verosimili u kredibbli.**

Ikkunsidrat;

Sandro Vella esebixxa fl-atti numru ta' *invoices* li nhargu minn St. Catherine's Bakery and Confectionery lil "Tanti Palmier"[22] izda jigi osservat li minkejja dak rapportat fl-okkorrenza, l-istess kwerelant fiz-zewg okkazzjonijiet li xehed quddiem il-Qorti, imkien ma qal illi l-imputat ma kienx ghaddilu l-pagamenti li gabar fuq l-*invoices* mahruga lil Tanti Palmier u li approprja l-flus indebitament. L-uniku accenn li sar ghal Tanti Palmier mill-kwerelant fix-xhieda tal-kwerelant,

[22] Immarkati komplessivament bhala Dok. SV1, a fol. 46.

sar meta qal illi dan kien wiehed mill-hwienet li l-imputat kien jiehu hsieb jigbor il-pagamenti minghandhom, izda xejn iktar minn hekk.

Inoltre huwa sinfjikanti fil-fehma tal-Qorti illi Doriette Zammit[23], li kienet topera l-imsemmi hanut "Tanti Palmier", filwaqt li qalet li hi kienet hallset dawn l-*invoices* kollha fi flus kontanti u li dan il-flus kienet ghaddietu lill-imputat meta kien jigi jigbor il-hlas tax-xoghol li kienet tordna minghand St. Catherine's Bakery, ikkonfermat illi hadd qatt ma kkuntattjaha dwar il-hlas u qatt ma giet infurmata li l-*invoices* ma kienux thallsu. Ghalkemm din ix-xhud xehdet illi hija kienet hallset lill-imputat u li l-imputat kien jiffirma quddiemha fuq kull *invoice* li kien thallas l-import relattiv, u ghalkemm jirrizulta mill-okkorrenza Dok. GS1 li l-kwerelant irrapporta lill-Pulizija illi l-imputat ma kienx ghaddielu l-flus li gabar minghand dan il-hanut, ma jirrizultax mix-xhieda li l-flus li gabar l-imputat fuq l-*invoices* in kwistjoni, ma gewx mghoddija lill-kwerelant.

F'dan l-isfond, il-Qorti m'hijiex konvinta illi hemm bizzejjed provi biex tinsab reita` taht l-Artiklu 293 kwantu ghall-pagamenti li saru lill-imputat fuq l-*invoices* mahruga lil Tanti Palmier li gew esebiti fl-atti.

Ikkunsidrat;

Illi l-istess jghodd ghal dak li mill-okkorrenza Dok. GS1[24] jirrizulta li rrapporta l-kwerelant in konnessjoni ma' flus imhallas minn "Calleja Sweet Shop" lill-imputat. Fir-rigward, xehed Tonio Calleja[25] ghan-nom ta' Calleja Sweet Shop li kkonferma li huwa hallas il-kontijiet kollha li kellu ma' St Catherine's Bakery u gieli hallas lill-imputat. Izda minkejja dan, ma jirrizultax illi Sandro Vella ghamel accenn fix-xhieda tieghu ghal xi flus li l-imputat gabar minghand dan in-negozju u ma ghaddihomlux. Lanqas hemm prova fl-atti dwar l-ammont

[23] Fit-12 ta' Mejju 2016.
[24] Fol. 55 *et seq*.
[25] Fit-12 ta' Mejju 2016.

imhallas minn Tonio Calleja lill-imputat u li gie allegatament approprjat indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ma hemmx bizzejjed provi biex juru li l-imputat approprja indebitament xi ammonti ta' flus lilu mhallsin minn Tanti Palmier u minn Calleja Sweet Shop, liema pagamenti kienu dovuti lil St. Catherine's Bakery.

Ikkunsidrat;

Izda, b'referenza ghall-flus imhallsin minn Gormina Bakery lill-imputat permezz tat-tmien *cheques* esebiti a fol. 18 sa 23[26], ghajr ghac-*cheque* intestat lil Rudolph Cassar kif gia` nghad, il-Qorti hija tal-fehma li hemm bizzejjed provi biex issib htija fl-imputat ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

L-imputat jishaq illi kien Sandro Vella li kien jghidlu biex imur isarraf ic-*cheques* li bihom kien ihallas David Galea ta' Gormina Bakery u skont l-imputat, dan ghaliex l-imghallem tieghu kien jghidlu li ma ghandux cans jaghmel dan huwa stess. L-imputat qal ukoll illi huwa kien jinsisti ma' Sandro Vella biex jibda jaghmillu ricevuti ghall-flus li kien jigbor u jghaddihomlu.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minkejja dan it-thassib li jghid li kellu l-imputat, jidher li huwa xorta wahda dam diversi xhur jimla *cheques* in bjank f'ismu, isarrafhom huwa stess u, skont l-istess imputat, jghaddi l-flus in kontanti lill-imghallem tieghu minghajr ma jinghta ricevuta. Fil-fatt, ic-*cheques* li qed jigi allegat li l-import taghhom gie approprjat indebitament, inhargu fuq medda ta' seba' xhur shah bejn Mejju u Dicembru tas-sena 2013.

Apparti li din il-verzjoni tikkuntrasta ma' dik moghtija minn Sandro Vella li cahad illi huwa qatt ta struzzjonijiet lill-imputat biex jigbor *cheques* minghand il-

[26] Dawn huma l-istess *cheques* esebiti komplessivament bhala Dok. JA1 a fol. 49 sa 51.

hwienet klijenti tieghu u jimlihom f'ismu halli jsarrafhom f'kontanti, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kieku verament Sandro Vella kien jibghat lill-imputat isarraf ic-*cheques* biex jithallas f'kontanti, **zgur li ma kien qatt mehtieg b'mod assolut illi c-*cheques* jinhargu mill-klijent in bjank biex sussegwentement l-imputat jintestahom f'ismu biex isarrafhom**. Dan ghaliex kif inhuwa risaput, *cheque*, bhala biljett negozjabbli skont il-ligi tal-kummerc, anke jekk ikun intestat f'isem il-kreditur, jista' jigi girat bil-firma tal-pussessur jew il-girant biex jigi msarraf minn haddiehor kull meta jkun hekk mehtieg.

Mill-provi imkien ma jirrizulta illi Sandro Vella awtorizza lill-imputat biex jesigi li whud mic-*cheques* pagabbli minn David Galea ta' Gormina Bakery, jinhargu f'isem l-imputat u jsarrafhomlu f'kontanti. Wara kollox, billi kif xehed l-imputat innifsu, fin-negozju ta' St Catherine's Bakery kienu jahdmu wkoll mart Sandro Vella kif ukoll ohtu u hatnu Christopher Fiteni, il-Qorti ftit tara xi htiega seta' kien hemm biex issir din l-operazzjoni deskritta mill-imputat.

Izda anke jekk verament skont kif qed jallega l-imputat, huwa kellu struzzjonijiet minghand Sandro Vella biex jikseb il-pagament tal-*invoices* permezz ta' *cheques* mahrugin in bjank - haga li hija michuda minn Sandro Vella – il-Qorti tqis li m'hijiex attendibbli l-verzjoni illi l-imputat kellu wkoll struzzjonijiet jew l-awtorizzazzjoni li jsarraf dawn ic-*cheques* f'ismu, meta ic-*cheques* setghu jigu facilment jigu intestati f'isem il-kreditur u jigu girati biex l-imputat imur isarrafhom huwa stess f'kaz ta' bzonn. Izda l-imputat jammetti wkoll illi kien huwa stess, u mhux il-klijent jew il-kwerelant, li kien jimla ismu fuq ic-*cheque*, u dan ghall-Qorti jafferma illi l-imputat ma rnexxilux jikkontradixxi b'mod effettiv il-verzjoni tal-kwerelant li huwa ma kellux, effettivament, l-approvazzjoni tieghu biex jagixxi b'dan il-mod.

Ghalkemm l-imputat jargumenta illi l-episodju tac-*cheque* intestat f'isem Rudolph Cassar juri kif effettivament Sandro Vella kien jawtorizza l-hrug ta' *cheques* in bjank, ghall-Qorti dan ma jfissirx illi huwa awtorizza **lill-imputat**

**innifsu jimla f'ismu *cheques* ta' pagamenti dovuti lil St Catherine's Bakery f'ismu, wisq anqas isarraf il-flus u jzommhom ghalih.** Jigi ribadit illi anke kieku ghal mument kellu jigi accettat li l-kwerelant seta' awtorizza lill-imputat jitlob li xi *cheques* jinhargu mill-klijent in bjank, dan ma jfissirx necessarjament illi awtorizza wkoll lill-imputat jimla c-*cheques* f'ismu wisq inqas isarrafhom u jdawwar ghalih l-import tal-istess *cheques*.

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti ftit tista' tqis il-verzjoni tal-imputat bhala wahda verosimili u fil-fehma taghha, huwa mhux kredibbli la meta jghid illi dan l-ezercizzju kien isir bl-approvazzjoni jew fuq talba tal-imghallem tieghu, u lanqas meta qal li huwa kien ghadda l-flus f'kontanti lill-kwerelant imghallem tieghu.

Ikkunsidrat;

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti hadet qies ukoll tax-xhieda ta' David Galea li kkonferma illi meta Sandro Vella kien ikkuntattjah biex jghidlu li ghandu xi kontijiet pendenti, hu kien urieh ic-*cheques* li kien hareg kontra l-kontijiet in kwistjoni. Skont dak li gie rapportat fl-okkorrenza[27], il-Qorti fehmet illi kien proprju f'dan il-waqt illi l-kwerelant sar jaf illi l-flus tal-kontijiet ta' Gormina Bakery li kienu ghadhom jidhru bhala mhux imhallsin, kienu effettivament thallsu lill-imputat. Fehmet ukoll illi l-kwerelant sar jaf li l-kontijiet ta' Gormina Bakery kienu gew imhallsin izda l-flus baqa' ghand l-imputat, **wara** li l-imputat spicca jahdem mieghu. Mill-provi jirrizulta illi l-imputat telaq mill-impieg li kellu mal-kwerelant f'Dicembru 2013 u r-rapport dwar l-approprjazzjoni indebita saret f'Mejju 2014.

Is-sottomissjoni tad-difiza illi l-kwerelanti mhux kredibbli ghaliex halla sena tghaddi qabel irrapporta r-reat, m'hjiex korretta ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-ewwel *cheque* li jidher li nhareg f'isem l-imputat huwa datat 27 ta' Mejju 2013,

[27] Dok. GS1.

Sandro Vella fid-darbtejn li ddepona quddiem il-Qorti, fisser illi meta kien isaqsi lill-imputat ghaliex Gormina Bakery kienet qieghda taqa' lura fil-hlas tal-kontijiet, l-imputat kien jghidlu biex jissapporti ftit lill-klijent ghaliex kien ghaddej minn zmien difficli. Huwa ghalhekk facilment spjegabbli kif il-kwerelant sar jaf bil-fatti meta beda jcempel lill-klijenti huwa stess biex jitlob ghall-hlas, **wara** li l-imputat telaq mill-impieg tieghu u dan diversi xhur wara li kienu nhargu l-*invoices* relattivi.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Id-difiza ssostni wkoll illi biex jigi ppruvat effettivament it-tezi tal-kwerelant, kellhom talanqas jigu esebiti l-kontijiet tan-negozju tieghu biex jintwera illi l-ammont allegatament approprjat indebitament mill-imputat, ma kienx effettivament imhallas. Izda l-Qorti tqis illi dan l-argument huwa bla siwi: bhala regola generali, ghalkemm fatt negattiv jista' jigi dimostrat permezz ta' presunzjonijiet jew billi tigi prodotta prova ta' fatt pozittiv kuntrarju, m'huwiex mistenni li xi parti, f'dan il-kaz il-kwerelant u l-Prosekuzzjoni, taghmel prova negattiva, u f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ma jistax jispetta lill-kwerelant jipproduci prova ta' pagament li qed jippretendi li ma sarx lilu, u dan in omagg ghall-principju *negativa non sunt probanda.* Barra minn hekk, galadarba gie effettivament ippruvat illi l-flus dovuti lin-negozju tal-kwerelant thallsu lill-imputat, jinkombi fuq l-istess imputat biex jipprova, fuq bilanc ta' probabbilita` illi huwa ghadda l-flus lill-kwerelant, li ma kellux il-mens rea mehtiega ghar-reat, jew inkella li utilizza l-flus skont id-direttivi ta' min ghaddihomlu.

Izda din il-prova l-imputat ma ghamilhiex u certament ma rnexxilux jikkonvinci l-Qorti lanqas fuq bilanc ta' probabbilitajiet, illi huwa kien eventwalment ghadda l-flus li sarraf fuq ic-*cheques* in kwistjoni, lill-kwerelant. Mhux talli hekk, talli l-Qorti hija konvinta moralment illi kuntrarjament ghall-istruzzjonijiet li kellu, l-imputat ma ghaddiex dawn il-flejjes lill-imsemmi kwerelant. La l-fatt illi l-kwerelant irrejalizza bin-nuqqas ta' hlas diversi xhur wara li effettivament

inhargu l-imsemmija *cheques*, u lanqas il-fatt illi ma gewx prodotti l-kontijiet biex juru li dan l-ammont huwa indikat li ghadu dovut lin-negozju, ma jnaqqas minn dan l-konvinciment taghha.

L-allegazzjoni tal-imputat, maghmula waqt it-trattazzjoni, illi l-kontijiet tan-negozju tal-kwerelant kienu fi stat ta' disorganizzazzjoni m'hijiex attendibbli fin-nuqqas assolut tal-imputat li jressaq provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni.

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm dak kollu fuq premess u kkunsidrat, kif ukoll ir-rizultanzi tax-xhieda, il-Qorti tqis li l-elementi kollha tar-reat ipotetizzat mill-Artikolu 293 li bih qed jigi mixli l-imputat fil-proceduri odjerni, jinsabu kollha ampjament sodisfatti bl-ammissjoni tal-imputat illi huwa kiseb il-hrug tac-*cheques* in bjank, zied ismu u sarrafhom u bil-prova illi dan sar minghajr l-approvazzjoni u minghajr ma nghataw struzzjonijiet mill-kwerelant sabiex dan isir, kif ukoll bil-prova illi l-flus ma waslux ghand l-istess kwerelant. Barra minn hekk, l-imputat ma rnexxielux jipprova fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi huwa ghadda l-flus li sarraf minn dawn ic-*cheques*, lill-imghallem tieghu, kif del resto kien fdat li jaghmel. Il-kollarju necessarju ta' dan huwa illi l-imputat minflok ma mexa skont l-istruzzjonijiet dwar l-uzu tal-flus li gabar minghand il-klijenti tan-negozju tal-kwerelant, zamm ghalih l-import tac-*cheques* in kwistjoni u dan ghal ebda ghan iehor hlief biex jaghmel profitt ghalih. Hawnhekk jirrizulta wkoll l-element formali tad-*dolo* da parti tal-imputat, cioe` l-konsapevolezza li qed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-persuna li tkun ikkonsenjat l-oggett jew il-flus.

Ikkunsidrat ulterjorment;

**Illi filwaqt li gie stabbilit li l-imputat huwa hati ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita addebitat lilu permezz tal-ewwel imputazzjoni, jirrizulta wkoll illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat fuq xi haga fdata lilu minhabba l-impieg jew servizz tieghu mal-kwerelant, u ghaldaqstant, jirrizulta li hemm htija wkoll ghac-cirkostanzi aggravanti ipotetizzati mill-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9.**

Dan ghaliex ghalkemm fil-kaz odjern jirrizulta effettivament illi saret kwerela da parti ta' Sandro Vella dwar ir-reat mertu tal-proceduri odjerni u ma jirrizultax illi hu irrinunzja ghaliha, huwa evidenti li ghall-fattispecje tal-kaz isibu applikazzjoni d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 294. Huwa inkontestat illi l-imputat kien, fiz-zmien li allegatament gie kommess ir-reat, impjegat tal-kwerelant u l-oggett li allegatament gie approprjat indebitament kien fdat lilu minhabba s-servizz tieghu mal-istess kwerelanti.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maria Bezzina** moghtija fid-19 ta' April 1958, il-Qorti tal-Appell Kriminali riteniet illi:-

*"L-approprjazzjoni ndebita ssir aggravata, jew kwalifikata, jekk l-oggett ikun gie fdat lil min approprja ruhu minnu in raguni tas-servizz tieghu; u ma hemmx bzonn li dan is-servizz ikun jikkonsisti fl-impjieg regolari bi hlas, imma hu bizzejjed li dan is-servizz kien jinaghata kulltant, u anki b'kumpensi ohra li ma humiex flus."*

## <u>L-Addebitu tar-Recidiva</u>

Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebit kopja legali ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Attard** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' April 2009, fejn il-konnotati tal-hati f'dik is-

sentenza huma l-istess tal-imputat odjern. Izda din is-sentenza filwaqt li sabet lill-imputat hati tar-reati ta' qerq, approprjazzjoni indebita u falsifikazzjoni fuq ammissjoni tieghu stess, ma kkundannatux ghal piena izda applikat id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin. Skont l-Artikolu 25 tal-Kap. 446 ordni bhal dik ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini[28], u konsegwentement is-sentenza relattiva ma tistax titqies ghall-finijiet tal-addebitu tar-recidiva bhala sentenza li kkundannat lill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija ghall-addebitu tar-recidiva u wara li rat il-fedina penali tal-imputat tosserva illi ghajr ghall-ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata moghti bl-imsemmija sentenza tat-23 ta' April 2009, il-fedina penali tieghu hija wahda netta.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi ma ssibx htija fl-imputat ghall-addebitu tar-recidiva u tilliberah minnu, wara li rat l-Artikoli 20, 31, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil MARK ATTARD hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

[28] Salv ghall-kazijiet imsemmijin fl-istess Artikolu.

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil MARK ATTARD ihallas lill-parti offiza Sandro Vella, is-somma ta' tliet elef u erba' mitt Ewro (€3,400) bhala kumpens ghall-qliegh illegali akkwistat bi hsara tal-imsemmija parti offiza permezz tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati, liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` mal-ordni mahrug bis-sahha tal-Artikolu 28H.**

**Billi ma nhatru ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti.**

**Dr Rachel Montebello BA. LL.D.**
**Magistrat**